MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 200/2010

**Avviz Numru 200/2010**

**F. (Advertising) Limited (C27689)**

**vs**
**Malcolm u Bernice konjugi Camilleri**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-31 ta’ Mejju 2010, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ sitt elef u sebgha u erbghin Euro (€6,047) rapprezentanti ammont cert, likwidu u dovut ghal servizzi ta’ reklamar rezi fuq inkarigu taghhom a tenur ta’ skrittura privata tat-3 ta’ April 2008.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali maghmula ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 numru 1029/10 u bl-imghaxijiet kontra taghhom minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Lulju 2010 fejn esponew is-segwenti:-

*1."Illi fl-ewwel lok, illum il-gurnata ma tezisti l-ebda rabta kuntrattwali bejn il-kontendenti stante li l-iskrittura datata 3 ta' April 2008 itterminat fit-3 ta' April 2010 u l-proprjeta' in kwisjtoni baqghet mhux aljentata u ghalqdaqstant l-effetti ta' l-istess skrittura skadew u m'ghadhomx jorbtu fuq l-istess kontendenti.*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccepit, l-iskrittura de quo- kunsidrati inter alia, x-xorta ta' l-oggett u/jew tas-servizzi li jikkontempla l-ftehim [Artikolu 45 (2) tal-Kapitolu 378]- tikkontjeni espressjonijiet mhux gusti u ghalhekk ma torbotx (Artikolu 46 tal-Kapitolu 378) fost hwejjeg ohra 'l ghaliex:*

*i. L-iskrittura de quo tehtieg lil konsumatur li jkun naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni tieghu u jhallas b'kumpens lill-kummercjant ammont li jkun sproporzjonatament gholi hdejn il-valur ta' l-oggetti mixtrijin jew mikrijin jew hdejn is-servizzi rezi (Artikolu 44(2) tal-Kapitolu 378).*

*ii. L-iskrittura de quo tistabilixxi kumpens li ghandu jithallas minn konsumatur li jkun naqas li jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu, minghajr ma jipprovdu ghal kumpens daqsinsew mill-kummercjant li jkun naqas mill-istess haga (Artikolu 44 (2) (h) tal-Kapitolu 378).*

*iii.L-iskrittura de quo tikkontjeni espressjonijiet li rrevokabilment jorbtu lill-konsumatur b'patttijiet li ma kellu ebda opportunita' reali li jifhem sew qabel ma jaghmel il-kuntratt (Artikolu 44 (2) (m) tal-Kapitolu 378).*
*iv.L-iskrittura menzjonata inter alia tohloq zbilanc sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kuntratt b'detriment ghall-konsumatur, u minhabba f'hekk, it-twettiq tal-kuntratt huwa nkompatibbli ma' kull*

*htiega ta' bonafidi [Artikolu 45 (1) (a) (b)(d) tal-Kapitolu 378]..*

*v.L-iskrittura de quo tikkontjeni espressjonijiet miktuba b'lingwagg tekniku u ambivalenti bi pregudizzju ghall-konsumatur li jirrenduha mhux intelligibli u li ma tistax tinftiehem mill-istess konsumatur li l-ftehim ikun indirizzat lejh (Artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 378].*

*3. Illi fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccepit u b'rabta mat-tieni eccezzjoni, matul id-durata tal-ftehim datat 3 ta' April 2008 (li ttermina fit-3 ta' April 2010) l-ghan u l-fini tas-servizzi tas-socjeta attrici ma ntlahaqx stante li l-proprjeta' tal-konvenuti baqghet f'idejn il-konvenuti u ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-ammont issa reklamat mis-socjeta' attrici hu wiehed ezagerat, ma jirriflettix l-isforzi taghha u huwa wiehed ferm sproporzjonat, u ghalhekk mhux dovut.*

*4. Illi fir-raba lok , u minghajr pregudizzju ghal dak sovra sollevat, apparti d-dettami tal-kapitolu 378 tal-ligijiet ta' Malta, in-negozju guridiku passabli bejn il-kontendenti odjerni kellu u ghandu jkun ippernjat fuq dak sancit fl-Artikolu 993 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, haga illi l-pretiza tas-socjeta' attrici manifestament tixhed ma qeghedx issegwi.*

*5. Ili fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghal dak sovra sollevat, l-atteggjament, il-kondotta l-operat u t-talba attrici tmur kontra l-ispirtu ta dawk l-obbligazzjonijiet fiducjarji sanciti fl-Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*6. Illi fl-ahhar lok u minghajr pregudizju ghal dak kollu mqanqal supra in virtu' ta' l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, s-socjeta' attrici hi mehtiega tipprova l-allegazzjonijiet kollha minnha avvanzati fl-att promotur ai termini inter alia ta' l-Artikoli 558 u 559 ta' l-appena msemmi Kapitolu.*

*7. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici ipprezentata seduta stante nhar is-26 ta' Ottubru 2010, fejn permezz tal-istess is-socjeta' attrici cediet il-kawza fl-ismijiet premessi, stante li l-mertu jinsab ezawrit.  In oltre rat li l-partijiet ftehmu li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza u tordna li in linea mal-ftehim milqugh bejn il-partijiet l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------